A.L. 34 ta' l-2006

ATT DWAR IS-SALARJI TA' L-IMĦALLFIN U TAL-MAĠISTRATI (KAP. 175)

Ordni ta' l-2006 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji ta' l-Imħallfin u Maġistrati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 2 u 3 ta' l-Att dwar is-Salarji ta' l-Imħallfin u tal-Maġistrati, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru għamel l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dan l-ordni jista' jissejja' l-Ordni ta' l-2006 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-Imħallfin u Maġistrati, u għandu jitqies li beda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 2006.

Reviżjoni tas-salarji ta' Prim Imħallef, Imħallfin oħra u Maġistrati.

2. Għandu jitħallas lid-detenturi tal-karigi speċifikati fl-ewwel kolonna ta' l-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni, minflok is-salarju preskritt fl-artikoli 2 u 3 ta' l-Att, is-salarji fis-sena rispettivament speċifikati kontra kull waħda minn dawk il-karigi fil-kolonni rispettivi ta' dik l-Iskeda, matul is-sena li għaliha tirreferi kull waħda mit-tieni sas-sitt kolonna ta' l-Iskeda. Is-salarji msemmija għandhom jitħallsu b'effett mill-1 ta' Jannar ta' kull sena speċifikata.

SKEDA

(Artikolu 2)

	2006	2007	2008	2009	2010
Prim Imħallef	Lm15,820	Lm16,288	Lm17,148	Lm18,030	Lm18,933
Imħallfin oħra	Lm13,697	Lm14,102	Lm14,847	Lm15,610	Lm16,392
Maġistrati tal-Qorti Inferjuri	Lm11,642	Lm11,987	Lm12,620	Lm13,269	Lm13,933